**Kunsill Lokali Ta Xbiex**
High Rise Apartments, Triq l-Imradd, Ta Xbiex XBX 1150
Tel: 00356 21338844 email:taxbiex.lc@gov.mt website: www.taxbiex.gov.mt

**KUNSILL LOKALI TA XBIEX**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 58 – IT-TNEJN, 8 TA' AWWISSU 2023 FIS-6.40PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-Boardroom.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Max Zammit | Sindku |
| Oriana Calleja | Viċi Sindku |
| Louisa Cachia Castelletti | Kunsillier |
| Eugenio Muscat | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Ronald | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 57**

1.1 Il-minuti ma kinux lesti u għandhom jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

**2 Punti mtella mill-Minuti 57**

2.1 Ma kienx hemm punti peress li ma kienx hemm il-minuti approvati.

## 3 Pagamenti

3.1 Il-pagamenti ġew diskussi waqt il-laqgħa. Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li jiġu approvati dawn il-pagamenti. Is-Sinjura Louisa Cachia Castelletti ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu u s-Sur Eugenio Muscat iltaqgħu mas-Sur Mario Vincent Naudi li huwa community worker li qed jaħdem fil-biċċerija. Hu lest li jiġi jaħdem il-Kunsill bħala skrivan u bil-kundizzjonijiet tal-uffiċċju sakemm ikompli jieħu 300 Euro fix-xahar allowance li qed jieħu bħalissa, filwaqt li l-paga tithallas mill community worker scheme. Kien hemm qbil unanimu li għandha ssir talba biex is-Sur Naudi jiġi assenjat lill-Kunsill.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar ir-reply to management letter. Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li tiġi approvata r-risposta draft. Is-Sur Max Zammit issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar l-interviews għal post ta' skala 11 mal-Kunsill. Ġie innutat ir-rapport tal-interview, fejn kien hemm kandidat wieħed biss li applika. Fir-rapport kien hemm numru ta' osservazzjonijiet fejn il-kandidat, is-Sur Anthony Galea, għandu esperjenza vasta fuq dan ix-xogħol ma' Kunsill ieħor kif ukoll huwa familjari ħafna mal-applikazzjonijiet li jintużaw kif ukoll mal-proċeduri. Ir-rapport irrakomanda lis-Sur Galea għal post ta' skala 11. Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li jiġi magħżul is-Sur Galea. Is-Sinjura Louisa Cachia Castelli ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

5.3 Ġiet innutata korrispondenza fejn ser issir sezzjoni ta' parlament taż-żgħażagħ u l-Kunsill qed jiġi mistieden biex jinnomina żagħżugħ. Dak il-ħin, ħadd ma kellu persuna f'moħħu lil min jinnomina, imma għandu jagħmel kuntatt mas-Segretarju jekk ikun hemm xi ħadd li jista' jiġi nnominat. Dan huwa miftuħ sal-25 ta' Awwissu 2023.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 5 ta' Settembru 2023 fil-5.30pm.

**Max Zammit**
**Sindku**

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segetarju Eżekuttiv**